MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Numru. 624/2009

**Il-Pulizija**

**[Spettur Ian J.Abdilla]**

**Vs**

**Peter (maghruf bhala Pierre) Falzon**

**Kumpilazzjoni Numru: 624/2009**

**Illum, 28 ta' April 2014**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Peter (maghruf bhala Pierre) Falzon, ta' 48 sena, bin Frances u Carmelina nee' Muscat, imwieled Pieta' fil-5 ta' Awissu, 1960 u li joqghod fil-fond f'Fusina, Triq Gorg Zammit, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 535060(M).

a. Akkuzat talli f'Dicembru, 2008 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentment ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
b. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis, jew bi hsara ta' Cettina Agius.
c. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ikkometta tali reati filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lil-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

a) 18, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 18 u 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 18 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
e) 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jikkoncerna kuntratt ippublikat fit-12 ta’ Dicembru 2006 min-Nutar Pierre Falzon; permezz ta’ dan il-kuntratt gie trasferit, b’titolu ta’ bejgh, il-fond 18 Triq l-Ajkla Marsa minghand Maria Concetta sive Cettina Agius a favur ta’ huha John Agius, ghall-prezz ta’ ghaxart elef lira Maltija, liema prezz pero qatt ma thallas minn John Agius lill-Cettina Agius.

Illi mhux kontestat li Cettina Agius riedet titrasferixxi l-fond imsemmi lil huha pero hi tghid li hi riedet taghmel dan *causa mortis* u mhux *inter vivos*. Cettina Agius qed tghid li hija marret ghand in-Nutar biex taghmel testament biex thalli l-fond imsemmi lil huha wara mewtha, u mhux biex titrasferixxi l-fond permezz ta’ kuntratt ta’ bejgh.

Illi Cettina Agius xehdet quddiem din il-Qorti darbtejn. Hija tispjega li kien hemm okkazzjoni, hi tghid fis-sena 2008, meta l-imputat gab lil xi hadd id-dar (ma tafx kienx avukat jew nutar) u hi qalet lil din il-persuna li huha Vanni (hekk kienet isejjahlu lil John) seta' joqghod fid-dar u li hi riedet taghtihlu basta tista' thassar kollox bhal testament. Cettina Agius spjegat ukoll li dan ir-ragel qaghad bil-qeghda, hareg il-karti u beda jikteb, pero ma ffirmat xejn.

Illi Cettina Agius kompliet tispjega li zmien wara dan l-episodju hi, huha Vanni u certu Doreen Abdilla (li maghha Vanni ghandu relazzjoni) marru ghand xi ragel iehor f'ufficju. Lil dan ir-ragel qaltlu l-istess diskors li kienet qalet qabel, u li trid tmut hi biex Vanni jiehu d-dar biex ibieghha u jaghti sehem lil kull wiehed minn hutha l-ohra. Agius ma ftakritx jekk f'din l-okkazzjoni ffirmatx xi haga.

Illi Cettina Agius mbaghad spjegat li ghadda ftit ta' zmien u rceviet kont minghand il-Kummisarju tat-Taxxi; hi hasbet li kien xi kont ta' l-income tax pero ma kellhiex taghti taxxa ghalhekk inkarigat lil huha Vanni biex jara x'kienet il-bicca. Ghadda z-zmien, madwar sena, u Cettina kellha bzonn tigi rikoverata l-isptar. Waqt li kienet l-isptar gie huha iehor mill-Ingilterra, jismu Nenu, biex jaraha; waqt li dan Nenu kien Malta qaghad fid-dar ta' Cettina. Sa kemm Cettina kienet l-isptar inqala disgwid bejn Nenu u Vanni li spicca biex kecca lil Nenu barra mid-dar ta' Cettina. Meta Cettina harget mill-isptar sabet li ma setghetx tidhol id-dar ghax Vanni kien biddel is-serratura; kien biss wara intervent tal-pulizija li nghatat access ghal darha. Meta fil-fatt irnexxielha tidhol id-dar sabet li l-provvista ta' elettriku kienet maqtugha u sabet flus nieqsin u li kienet intuzat il-debit card taghha. F'din is-sitwazzjoni, flimkien ma' Nenu u xi familjari ohra, marret ghand xi hadd (hi tghid Avukat) u ghamlet testament biex tiddisponi b'mod iehor mid-dar taghha fi Triq l-Ajkla Marsa.

Illi eventwalment Nenu rega mar lura l-Ingilterra u Vanni baghtlu ittra biex jinfuramh li (Nenu) ma kellu l-edba dritt fuq il-fond fejn kienet tghix Cettina stante li dak il-fond kien propjeta tieghu (cioe ta' Vanni). Nenu baghat din l-ittra lil Cettina li uritha lis-social worker taghha. Minn hemm saret ricerka u gie konfermat li f'Dicembru 2006 kien sar il-kuntratt ta' bejgh favur huha Vanni. F'dan l-istadju, cioe f' Dicembru 2008 Cettina Agius flimkien mas-social worker taghha marru ghand il-pulizija u ghamlu rapport; il-pulizija investigaw il-kaz u ttiehdu proceduri kontra John Agius (Vanni)[1] dwar frodi kif ukoll kontra n-Nutar permezz tal-proceduri odjerni.

Illi mill-fatti kollha rakkontati minn Cettina Agius dawk li huma relevanti ghall-kaz in ezami huma dawk li jirreferu ghall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh tad-dar taghha; dan il-kuntratt huwa esebiet in atti u minnu jirrizulta li gie publikat fit-12 ta' Dicembru 2006 min-Nutar Pierre Falzon, l-imputat.

Illi l-imputat mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke ta d-depozizzjoni tieghu. Huwa jispjega li Cettina Agius u huha Vanni ma kenux klienti abitwali tieghu imma marru l-ewwel darba ghandu nhar il-11 ta' Dicembru 2006 f'l-ufficju tieghu H'Attard. Minn dak li qalulu fehem li Cettina Agius riedet taghti d-dar taghha lil huha Vanni bid-dritt li tkompli tghix fiha sa kemm tmut. Hu spjegalhom dak li f'l-opinjoni tieghu kien l-ahjar formula legali biex jaghmlu dak li xtaqu. L-imputat fehem li huma kienu qed jaqblu ma dak li ssugerixxa pero dan ma setghax isir dak in-nar ghax kellu bzonn xi dokumenti[2]; ghalhekk kellu jaghtihom appuntament ghall-ghada f'l-ufficju tieghu il-Belt. Biex jigi evitat li Cettina Agius jkollha tmur il-Belt iffirmat prokura in forza ta' liema inkarigat lil certu Mark Briffa (l-iskrivan tan-Nutar) biex jidher minflokha fuq il-kuntratt. L-ghada Vanni Agius mar ghand in-Nutar wahdu u sar il-kuntratt.

---

[1] Il-proceduri kontra John Agius instemghu u qed jigu decizi kontestwalment mal-proceduri odjerni.
[2] Il-kuntratt li permezz tieghu Cettina Agius kienet akkwistat u dan ai fini ta' provenjenza.

Illi fil-kuntratt gie stipulat li l-bejgh kien qed isir bil-prezz ta’ ghaxart elef lira u li dan l-ammont kien qed jithallas mal-publikazzjoni tal-kuntratt. Fil-verita dan l-ammont ma thallasx minn Vanni Agius, la dak in-nhar tal-kuntratt u lanqas wara. In oltre jidher li Vanni Agius u Mark Briffa ffirmaw il-kuntratt f’hinijiet differenti fis-sens li wara li l-ewwel gie redatt il-kuntratt u ffirmat minn Vanni Agius (f’dak il-mument Mark Briffa ma kienx prezenti), eventalment gie iffirmat ukoll minn Mark Briffa.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li hemm diskrepanza bejn ir-reati li bihom qed jigi addebietat l-imputat fic-citazzjoni u dawk li jemergu mill-artikoli kwotati mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju ghall-guduzzju.

Illi fic-citazzjoni hemm tlett reati: dikjarazzjoni falza lil awtorita pubblika, ksur doluz ta’ dmirijiet ufficjali, u li kkommetta reat li kien fi dmir li jissorvelja li ma jsirx. Minbarra dawn ir-reati fin-nota ta’ l-Avukat Generali (fil-paragrafu “b”) hemm referenza ukoll ghall-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jirreferu ghall-appropjazzjoni indebita. M’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li, la darba fic-citazzjoni m’hemm l-ebda imputazzjoni li tirreferi ghar-reat komtemplat f’l-artikoli 293 u 294, il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’l-imputazzjoni li tirrizulta mill-paragrafu “b” tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’ l-Avukat Generali.

Illi f’dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva li ai termini tac-citazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bi tlett reati b’referenza ghal fatti li sehhew “*f’Dicembru 2008 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel*”.

Illi fid-depozizzjoni taghha Cettina Agius ma tantx kienet cara dwar id-dati ta’ meta sehhew l-avvenimenti kollha li hija rrakkontat u lanqas kienet f’pozizzjoni taghti informazzjoni dwar l-identita tal-persuni involuti ghajr ghall-familjari u s-social worker taghha. Pero mill-assjem tal-provi m’ghandu jkun hemm l-edba dubbju dwar il-kronologija tal-fatti.

Illi jirrizulta ampjament li Cettina Agius, huha u Doreen Abdilla marru ghand in-Nutar Pierre Falzon f’l-uffucju tieghu H’Attard fil-11 ta’ Dicembru 2006 u li dak in-nhar giet iffirmata prokura minn Cettina Agius permezz ta’ liema inkarigat lil Mark Briffa biex jidher fuq kuntratt ta’ bejgh soggett ghall-uzufrutt taghha tad-dar fuq imsemmija. L-ghada, nhar it-12 ta’ Dicembru 2006 l-imputat mar ghand in-Nutar Pierre Falzon f’l-ufficju tieghu il-Belt Valletta u hemm gie iffirmat il-kuntratt. Cettina Agius dahlet l-isptar f’Novembru 2007 fejn qaghdet ghal ftit jiem segwieti b’rikoveru f’Zammit Clapp minn fejn harget wara zmien qasir. Fil-perjodu li hija kienet l-isptar u/jew Zammit Clapp inbidlet is-serratura tal-bieb tad-dar taghha u naqsu mid-dar taghha flus kontanti u anke sar xi zbank ta’ flus minn kont taghha permezz tad-debit card taghha. Wara li regghet inghatat access ghad-dar taghha, flimkien ma’ huha Nenu u xi familjari ohra, marret ghand in-Nutar Nicholas Briffa, dan fid-9 ta’ Jannar 2008, u ghamlet testament iehor. Minn dak in-nhar jidher li ma sehhewx avveniment ta’ riljev qabel Settembru 2008 meta l-imputat, tramite il-konsulent legali tieghu, baghat ittra lil Nenu Agius (l-Ingilterra) biex jintimah li ma seta’ jivvanta l-ebda pretensjoni fuq id-dar in ezami ghaliex din kienet propjeta tieghu (cioe ta’l-imputat). Minn hemm Cettina Agius, b’l-ghajnuna tas-social worker, regghet dahlet f’kuntatt man-Nutar Briffa u f’ Novembru 2008 dan in-Nutar ordna u ottjena ricerki mir-Registru Pubbliku. B’din l-informazzjoni Cettina Agius u s-social worker marru ghand il-pulizija biex jaghmlu rapport; ir-rapport sar f’ Dicembru 2008.

Illi mill-provi prodotti u mis-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni, l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma bazati fuq il-fatt li l-kuntratt fih innifsu (u anke l-prokura) jikkontjeni dikjarazzjoni falza ghaliex

dak li riedet taghmel Cettina Agius ma kienx kuntratt ta' bejgh imma testament. In oltre, tissottommetti l-prosekuzzjoni, l-imputat iddikjara l-falz

- meta fil-parti inizjali tal-kuntratt iddikjara li "dehru quddiemi" John Agius u Mark Briffa, ghaliex Mark Briffa dak il-hin ma kienx quddiemu flimkien ma' John Agius;
- meta ddikjara li l-prezz ta' ghaxar telef lira kien qed jithallas mal-kuntratt u kienet qed tithalla ricevuta, ghaliex dan l-ammont qatt ma thallas; u
- meta fil-parti konklussiva tal-kuntratt iddikjara li l-kuntratt gie "maghmul, moqri u ppublikat wara d-debieta cerzjorazzjoni", ghaliex Mark Briffa ma kienx prezenti flimkien ma' John Agius.

Illi pero dan kollu gara f'zewg granet partikolari u cioe il-11 u t-12 ta' Dicembru 2006 u mhux f'Dicembru 2008. L-unika haga li grat f'Dicembru 2008 kien li sar ir-rapport da parti ta' Cettina Agius dwar l-avvenimenti li sehhew f'Novembru u Dicembru 2006.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, kif dedotti, ma jistawx jirrizultaw.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-imputazzjoni elenkata fil-paragrafu "b" tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali, ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------